Ref. Tagħna: *SPI*/SCI/02/2026

# ĊIRKULARI NUMRU *SPI*/SCI/02/2026

---

| | |
|---|---|
| Lis- | Sindki, Viċi Sindki,<br>Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi<br>Kunsilli Lokali |
| Kopja lill- | Presidenti, Viċi Presidenti,<br>Membri u Segretarji Eżekuttivi<br>Kunsilli Reġjonali |
| Mingħand: | Id-Direttur (Gvern Lokali) Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* |
| **Suġġett:** | **Finanzjament – Lokalitajiet aktar nodfa** |
| Data: | 11 ta' Marzu 2026 |

---

## 1. Għan

Bħal kull sena, s-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali b'kollaborazzjoni mad-Direttorat tal-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*, qed jerġa' jniedi dan il-finanzjament sabiex jassisti l-Kunsilli Lokali jkomplu jqajmu kuxjenza dwar l-immaniġġjar tal-iskart u l-impatt fuq is-saħħa tal-komunità.

Din l-inizjattiva qed tiġi mnedija bħala parti mill-*World Clean up Campaign* li ssir madwar id-dinja li tgħaqqad miljuni ta' voluntiera, gvernijiet u organizzazzjonijiet f'kull pajjiż biex jindirizzaw il-problema globali tal-iskart u jibnu dinja aktar nadifa, ekoloġika u aktar b'saħħitha.

L-għan ewlieni ta' dan il-finanzjament huwa li jservi bħala għodda sabiex il-Kunsilli Lokali jgħaqqdu l-komunitajiet fi ħdanhom bil-għan li jitwettaq tindif li permezz tiegħu l-lokalitajiet rispettivi jingħataw dehra aktar nadifa u sana. Is-sbuħija ta' din il-ġurnata tinsab fil-

kooperazzjoni u l-kollaborazzjoni - il-bini ta' pontijiet bejn komunitajiet differenti, inklużi l-livelli differenti kollha tas-soċjetà – miċ-ċittadini għan-negozju, sal-Gvern.

Għandu jiġi dejjem promoss aktar għarfien u kuxjenza dwar il-ħtieġa li postijiet pubbliċi jinżammu ndaf. Irid jasal il-messaġġ lir-residenti li investiment fl-indafa huwa investiment f'saħħitna. Ambjent san u nadif ikollu impatt pożittiv fuq saħħet il-bniedem u jikkontribwixxi għal anqas mard.

Il-Kunsilli Lokali qegħdin jiġu mħeġġa jippromwovu attivitajiet mar-residenti kollha fil-lokalitajiet rispettivi inkluż it-tfal. Hekk jissaħħaħ ukoll id-djalogu inter-kulturali permezz ta' aktar koperazzjoni u komunikazzjoni f'lokalitajiet speċjalment dawk li huma multi-kulturali.

## 2. Objettivi

2.1 Aktar promozzjoni tal-bidla fl-imġieba u l-mentalità individwali;

2.2 Ħolqien ta' kuxjenza dwar l-effett negattiv taż-żibel u l-iskart fl-ambjent ta' madwarna u saħħitna;

2.3 Aktar ambjent nadif fil-beraħ għal kulħadd; u

2.4 Ħolqien ta' kuxjenza dwar il-problemi tar-rimi u mobilizzazzjoni ta' riżorsi għat-tisbiħ u t-titjib tal-ispazji pubbliċi.

## 3. Eliġibilità

3.1 Din l-iskema hi applikabbli għall-Kunsilli Lokali Maltin u Għawdxin.

3.2 Għaldaqstant, l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi hekk kif ġej:

- 3.2a Kunsill Lokali individwalment; jew
- 3.2b Grupp ta' Kunsilli Lokali; jew
- 3.2ċ Permezz ta' Kunsill Reġjonali f'isem il-Kunsilli Lokali fi ħdanu

## 4. Kriterji ta' Evalwazzjoni

L-applikazzjonijiet ser jiġu evalwati fuq il-kriterji msemmija hawn taħt:

4.1 Identifikazzjoni tal-iskart li ser jinġabar

4.2 Involviment tal-komunità

4.3 Promozzjoni tal-attività

4.4 Għarfien tal-vantaġġi ta' ambjent san u nadif

## 5. Kundizzjonijiet tas-Sottomissjonijiet

Kull Kunsill Lokali interessat għandu jsegwi dawn il-kundizzjonijiet fit-talba li jkun qiegħed jissottometti:

5.1 Il-Kunsill Lokali huwa mitlub li jissottometti l-proposta permezz ta' l-applikazzjoni hawn mehmuża (Appendiċi I). Huwa importanti li tingħata l-informazzjoni kollha mitluba peress li fin-nuqqas ta' dan, l-applikazzjoni tista' tinstab mhux eliġibbli mill-Bord ta' l-Evalwazzjoni;

5.2 Il-Kunsilli Lokali qed jintalbu biex jidentifikaw **postijiet pubbliċi** fejn ser isir it-tindif fil-perjodu matul il-kampanja. Dawn iridu jkunu kollha aċċessibbli għall-pubbliku;

5.3 Kull attività/attivitajiet proposti għandhom jieħdu inkonsiderazzjoni l-għan, l-objettivi u l-kriterji ta' din l-inizjattiva finanzjarja flimkien mal-kundizzjonijiet msemmija f'din iċ-Ċirkulari;

5.4 Ma' kull applikazzjoni jridu jiġu mehmuża **ritratti** ta' kull żona, triq, sqaq, eċċ li se jiġu mnaddfa waqt l-attività/attivitajiet li juru l-istat li jinsab fih il-post, kif ukoll *site plan*;

5.5 Kull sottomissjoni għandha tinkludi **deskrizzjoni qasira** u **stima/i** tax-xogħlijiet jew servizzi proposti. Fejn ħa tiġi sottomessa applikazzjoni minn grupp ta' Kunsilli Lokali, din l-informazzjoni trid tiġi sottomessa għal kull Kunsill Lokali involut;

5.6 Kull sottomissjoni ħa tiġi evalwata skont il-kriterji ta' evalwazzjoni msemmija f'Artiklu 4 ta' din iċ-Ċirkulari;

5.7 Kunsill Lokali jista' jagħmel sħubija ma' terzi biex jimplimenta l-attività/attivitajiet. Minkejja dan, il-Kunsill Lokali jibqa' responsabbli biex jiżviluppa kull attività/attivitajiet u jiżgura li ssir b'suċċess. F'dan il-każ il-Kunsill Lokali huwa obbligat li jippreżenta l-lista tat-terzi li ħa jkunu qed jidħlu bi sħubija fl-organizzazzjoni ta' l-attività/attivitajiet;

5.8 Mal-applikazzjoni għandu jiġi mehmuż **kopja tal-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill approvati u ffirmati**, jew, **kopja tar-riżoluzzjoni ffirmata fejn ġiet approvata tali applikazzjoni** (filkas li tiġi sottomessa r-riżoluzzjoni, l-kopja tal-minuti tintbagħat hekk kif jiġu approvati u ffirmati l-minuti rispettivi).

5.9 Fejn applikazzjoni ser tiġi sottomessa taħt Artikli 3.2b u 3.2ċ għandu jiġi mehmuż kopja tal-minuti tal-laqgħa ta' kull Kunsill lokali, jew, kopja tar-riżoluzzjoni ffirmata fejn ġiet approvata tali applikazzjoni ta' kull Kunsill Lokali (filkas li tiġi sottomessa r-riżoluzzjoni, l-kopja tal-minuti tintbagħat hekk kif jiġu approvati u ffirmati l-minuti rispettivi).

5.10 L-applikazzjoni trid tkun iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv kif indikat fl-istess applikazzjoni. Kull paġna u dokument fl-applikazzjoni trid tkun ukoll inizjalata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv;

5.11 Applikazzjoni li ser tiġi sottomessa minn grupp ta' Kunsilli Lokali trid tkun iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv ta' kull Kunsill Lokali. Kull paġna u dokument fl-applikazzjoni trid tkun ukoll inizjalata mis-Sindki u mis-Segretarji Eżekuttivi;

5.12 Applikazzjoni li ser tiġi sottomessa mill-Kunsill Reġjonali trid tkun iffirmata mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv. Kull paġna u dokument fl-applikazzjoni trid tkun ukoll inizjalata mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv;

5.13 **Applikazzjonijiet mhux kompluti skont kif ġie ndikat hawn fuq, jiġu eliminati.**

## 6. Kundizzjonijiet dwar l-Implimentazzjoni

6.1 Din l-inizjattiva se tiffinanzja sa massimu ta' €1,500 (inkluża l-VAT) lil kull Kunsill Lokali;

6.2 Din is-sena, il-ġurnata tal-*World Cleanup Day* se tiġi mfakkra nhar **il-Ħadd, 20 ta' Settembru 2026.** Għaldaqstant, l-attività/attivitajiet ta' tindif li għalihom se jingħata l-finanzjament jistgħu jsiru bejn **it-Tlieta, 1 ta' Settembru 2026 u l-Erbgħa, 30 ta' Settembru 2026;**

6.3 Il-Kunsill Lokali għandu jżomm mal-attività/attivitajiet proposti fl-applikazzjoni u li ġie approvat mill-Bord ta' Evalwazzjoni. Għandu jiġi notifikat id-Direttorat minnufih jekk ikun hemm bżonn ta' xi tibdiliet. Il-bidliet ma jistgħux jiġu implimentati sakemm tingħata l-approvazzjoni;

6.4 Dawn l-attivitajiet huma suġġetti għal spezzjonijiet minn rappreżentanti tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali;

6.5 Il-Kunsill Lokali jrid jimxi strettament mar-Regolamenti dwar l-Akkwist u dawk finanzjarji, kif ukoll huwa obbligat li jottjeni kwalunkwe permessi u/jew liċenzji li jistgħu jkunu meħtieġa in konnessjoni max-xogħlijiet jew servizzi;

6.6 Fejn hu applikabbli, fiż-żona tal-attività/attivitajiet, għandhom jittieħdu l-miżuri u l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa tas-saħħa u sigurta' kemm għall-ħaddiema tal-Kunsill kif ukoll tal-voluntiera li jieħdu sehem.

6.7 Id-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* qiegħed minn issa jeżonera ruħu mir-responsabbilità f'każ ta' nuqqas min-naħa tal-Kunsill/i Lokali li jonoraw xi liġi msemmiha hawn fuq jew oħrajn relatati. Għaldaqstant, jekk il-Kunsill Lokali jikser xi provvediment tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363), regolamenti finanzjarji, xi liġijiet oħra relevanti jew xi kundizzjoni msemmija f'din iċ-Ċirkulari, id-Direttorat jirriserva wkoll d-dritt li jirtira l-fondi komessi;

6.8 Il-Kunsill Lokali huwa **obbligat li jippromovi** l-attività u jindika li dan qed issir bl-appoġġ finanzjarju **tas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.** Il-promozzjoni għandha ssir permezz tal-midja soċjali u permezz ta' mezzi varji ta' komunikazzjoni;

6.9 Il-Kunsill Lokali huwa obbligat li kif tiġi konkluża l-attività/attivitajiet, jintbagħat rapport bid-dokumentazzjoni finali lil dan id-Direttorat ta' l-attività/attivitajiet imwettqa **sa' mhux aktar tard minn xahrejn wara li tiġi implimentata l-attività/attivitajiet**. Din għandha tinkludi:

- Kopji awtentiċi tal-fatturi u l-irċevuti fiskali ta' l-ispiża **globali**;
- Ritratti tat-tindif imwettaq;
- Dokumenti relatati mal-promozzjoni u reklamar tal-attività/attivitajiet;
- Dikjarazzjoni mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv illi tali ħlasijiet ġew imwettqa; u
- Kopja tal-iskeda tal-pagamenti sħiħa approvata mill-Kunsill Lokali u ffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv **inkluż il-minuti tal-laqgħa** tal-Kunsill fejn ġie approvat tali ħlas.

Din id-dokumentazzjoni trid tkun dejjem iffirmata u inizjalata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv u għandha tintbagħat lil dan id-Diretttorat permezz ta' imejl fuq l-indirizz elettroniku skemi.dlg@gov.mt.

6.10 Dan id-Direttorat jirriserva dritt li jitlob kwalunkwe dokument ieħor relatat;

## 7. Proċedura tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet jintlaqgħu biss fuq il-formola stabbilità mehmuża ma' din iċ-Ċirkulari (Appendiċi I) u kif imsemmi aktar 'il fuq, iridu jkunu ffirmati u inizjalati mill-President/Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv;

7.2 L-applikazzjonijiet u d-dokumenti relevanti għandhom jintbagħtu permezz tal-imejl fuq l-indirizz elettroniku skemi.dlg@gov.mt. **Applikazzjonijiet li jintbagħtu fuq indirizz elettroniku differenti ma jiġux ikkunsidrati;**

7.3 Il-Kunsilli Lokali li jixtieqų japplikaw għal dan il-finanzjament għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom sa mhux iktar tard minn nhar **il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2026;**

7.4 **Applikazzjonijiet li jaslu tard u mhux kompluti skont kif indikat f'din iċ-Ċirkulari mhux se jkunu aċċettati;**

7.5 L-applikazzjonijiet jiġu evalwati minn Bord ta' Evalwazzjoni, li jiġi maħtur mis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u Gvern Lokali;

7.6 Kull Kunsill Lokali li japplika, jiġi notifikat bid-deċiżjoni tal-bord ta' Evalwazzjoni permezz ta' imejl uffiċjali mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*.

7.7 Id-deċiżjoni meħuda mill-Bord ta' Evalwazzjoni hija waħda finali.

Marisa Pisani (iffirmata)
Direttur (Gvern Lokali) Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*

Mehmuża: Appendiċi I: Applikazzjoni

Kopji: Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u Gvern Lokali
Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u Gvern Lokali
Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali
Direttur għall-Gvern Lokali, Monitoraġġ u Sapport
Direttur, Konformità tal-Finanzi u tal-Akkwist
President, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni